



Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14862/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0155(COD)**

LIMITE

JAI 1481
ENFOPOL 567
CRIMORG 161
IXIM 264
DATAPROTECT 319
CYBER 371
COPEN 393
FREMP 241
TELECOM 467
COMPET 910
MI 836
CONSOM 299
DIGIT 210
CODEC 1765

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14143/22
Nru dok. Cion:	COM(2022) 209 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal¹. Il-proposta kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt u minn komunikazzjoni².

¹ 9068/22.

² 9068/22 ADD 1, ADD 2 u ADD 3; 9071/22.

2. Il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, għandha l-għan li tindirizza b'mod effettiv l-użu tas-servizzi online għall-fini tal-abbuż sesswali tat-tfal (CSA, child sexual abuse). Il-proposta għandha żewġ elementi kostitwenti ewlenin. L-ewwel nett, il-fornituri rilevanti ta' servizzi online, bħall-fornituri ta' servizzi ospitanti u servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali, ikunu obbligati jidentifikaw, jirrapportaw, ineħħu jew jimblokkaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online (CSAM) magħruf u ġdid, kif ukoll jidentifikaw u jirrapportaw solleċitazzjoni tat-tfal ("grooming"). It-tieni, trid tiġi stabbilita aġenzija ġdida u deċentralizzata tal-UE (iċ- "Ċentru tal-UE") biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament propost, flimkien ma' netwerk ta' Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Kif rikonoxxut fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-proposta, il-miżuri li jinsabu fil-proposta jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti tas-servizzi online.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) huwa l-kumitat ewleni għan-negozjati dwar il-proposta. F'Ottubru 2022 il-kumitat ħatar lill-MEP Javier Zarzalejos (PPE, ES) bħala r-relatur. Sadanittant, il-koordinaturi tal-PE ddeċidew li jitolbu lis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew iħejji valutazzjoni tal-impatt li tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali u ma' kwistjonijiet ta' proporzjonalità. Il-Kumitat LIBE għadu ma adottax ir-rapport tiegħu.
4. F'Lulju 2022, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) adottaw l-Opinjoni Konġunta 4/2022. Filwaqt li jirrikonoxxu li s-CSA huwa reat partikolarment serju u ikrah u li l-oġettiv tal-ġlieda kontriha huwa oġettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li kwalunkwe limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali trid tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Huma jqisu li l-proposta tqajjem tħassib serju dwar il-proporzjonalità tal-interferenza mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali u tal-limiti li tpoġġi fuqhom.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta f'Settembru 2022. Il-Kumitat appoġġa l-prinċipju tal-proposta u talab biex isir titjib fit-test u biex isir aktar speċifiku sabiex tiġi salvagwardjata s-segretezza tal-korrispondenza u r-rispett għall-privatezza.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta twettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi - Pulizija (LEWP). Il-LEWP iddiskuta l-proposta matul il-laqgħat tiegħu tal-5 u l-20 ta' Lulju, is-6 u t-22 ta' Settembru, il-5 u d-19 ta' Ottubru u t-3 u l-24 ta' Novembru 2022. Il-proposta kollha ġiet eżaminata matul il-laqgħat tal-LEWP imsemmija hawn fuq. Il-Presidenza ppreżentat diversi reviżjonijiet tat-test tal-Kapitoli I sa III, li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin: is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni, id-definizzjonijiet, l-obbligi tal-fornituri ta' servizzi online u s-superviżjoni, l-infurzar u l-kooperazzjoni.
7. Fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Interni u fil-laqgħa informali tal-COSI f'Lulju 2022 fi Praga, il-Presidenza kisbet appoġġ politiku ġenerali għall-proposta, sakemm isir eżami tekniku fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma. Il-Presidenza enfasizzat li l-proposta kienet teknoloġikament newtrali u valida għall-futur, u li għandu jinstab bilanċ bejn il-protezzjoni tat-tfal minn naħa, u l-protezzjoni tal-privatezza u drittijiet fundamentali oħra tal-utenti ta' servizzi online min-naħa l-oħra.
8. Il-Presidenza ppreżentat bidla kunċettwali ewlenija fir-rigward tal-ħruġ ta' tipi individwali ta' ordnijiet - ordnijiet ta' detezzjoni u ordnijiet għat-tneħħija u l-imblukkar ta' CSAM. Ġie introdott ukoll tip ġdid ta' ordni, l-ordni ta' tneħħija mil-lista. Ordnijiet ta' tneħħija, ta' imblukkar u ta' tneħħija mil-lista jkunu għadhom kif inħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu l-uniċi ordnijiet maħruġa minn awtorità ġudizzjarja jew awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' Stat Membru minħabba li dan it-tip ta' ordni huwa l-aktar wieħed sensittiv fir-rigward tal-interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-utenti tal-fornituri ta' servizzi online rilevanti. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-kategoriji kollha ta' ordnijiet jinħarġu minn awtorità ġudizzjarja jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra. Għal raġunijiet ta' flessibbiltà akbar, din is-setgħa ġiet fdata lill-awtoritajiet kompetenti għal ordnijiet ta' tneħħija, ta' imblukkar u ta' tneħħija mil-lista. Sakemm jitneħħew ir-riżervi ta' skrutinju, jidher li l-maġġoranza tal-Istati Membri jistgħu jappoġġaw din il-bidla peress li tippermettilhom iżommu s-sistemi u l-istrutturi eżistenti għall-ġlieda kontra s-CSA.

9. Wara talba mill-Previdenza, il-Kummissjoni ħejjiet żewġ dokumenti li jgħinu biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet u l-mistoqsijiet imressqa mill-Istati Membri. Dokument wieħed³ jinkludi dijagramma sekwenzjali tal-proċess ta' detezzjoni tas-CSA u analiżi komparattiva tal-leġiżlazzjoni rilevanti (is-CSA, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-Kontenut Terroristiku Online, il-GDPR u r-Regolament Interim). Dokument ieħor⁴ jiddeskrivi r-relazzjonijiet bejn iċ-Ċentru l-ġdid tal-UE, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-Europol.
10. Il-Previdenza organizzat ukoll żewġ workshops bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u ta' esperti mill-bliet kapitali, ibbażati fuq dokumenti ta' diskussjoni u fuq il-mistoqsijiet u t-talbiet għal kjarifiki mill-Istati Membri. L-ewwel workshop sar fid-29 ta' Settembru u kien iddedikat għat-teknoloġiji użati għad-detezzjoni ta' CSAM magħruf u ġdid u għad-detezzjoni ta' grooming, filwaqt li t-tieni workshop li sar fis-16 ta' Novembru indirizzat l-għodod ta' verifika tal-età. Iż-żewġ workshops ipprovdew opportunità għall-Istati Membri biex jidħlu aktar fil-fond tas-suġġetti indirizzati mill-proposta, filwaqt li taw lok għal interazzjoni diretta bejn l-esperti bbażati fil-bliet kapitali u l-esperti tekniċi. Il-workshops kienu apprezzati ħafna mill-Istati Membri u kienu mfahhira talli pprovdew kjarifiki tant meħtieġa dwar kif xi wħud mid-dispożizzjonijiet proposti jistgħu jaħdmu fil-prattika u talli jikkonfermaw il-fattibbiltà teknoloġika tal-proposta. Bis-saħħa ta' dawn il-workshops, jidher li l-ġlieda online kontra s-CSA hija possibbli. Jeżistu teknoloġiji għad-detezzjoni ta' CSAMs magħrufa u mhux magħrufa. Il-grooming huwa aktar ikkumplikat, iżda teżisti teknoloġija li qed tevolvi kontinwament. Jeżistu wkoll soluzzjonijiet tekniċi għad-detezzjoni tas-CSA online f'sistemi kriptati minn tarf sa tarf, bħad-detezzjoni ta' kontenut min-naħa tal-utent qabel il-kriptaġġ innifsu. It-tieni workshop dwar l-għodod ta' verifika tal-età wera tekniki differenti użati minn kumpaniji privati biex jidentifikaw l-età tal-utenti ta' servizzi online, kif ukoll teknoloġiji ġodda li qed jiġu żviluppati.

³ WK 10409/2022.

⁴ WK 13981/2022.

11. Avveniment ieħor ta' appoġġ organizzat mill-Presidenza f'kooperazzjoni mal-PE u l-Kummissjoni kien il-wiri tal-film dokumentarju Ċek "Caught in the Net", preċedut minn panel ta' diskussjoni dwar is-suġġett tas-solleċitazzjoni tat-tfal, li fih hađu sehem rappreżentanti tal-Presidenza u l-produttur tal-film. L-Membru tal-PE Hilde Vautmans (Renew/BE) għamlet id-diskors tal-ftuħ. Il-Presidenza rappreżentat ukoll lill-Kunsill f'diversi konferenzi mmirati lejn il-ġlieda kontra s-CSA online bħall-Konferenza Online dwar is-Sikurezza tat-Tfal 2022 u avveniment ta' livell għoli dwar kif nistgħu nużaw it-teknoloġija biex niżguraw is-sikurezza għat-tfal online waqt l-ewwel "Ġimgħa ta' Sensibilizzazzjoni dwar it-Teknoloġija" organizzata mill-Parlament Ewropew li qatt saret.
12. Għalkemm id-diskussjonijiet dwar il-proposta għadhom għaddejjin fil-LEWP, diġà ġew identifikati diversi kwistjonijiet ewlenin li ser jirrikjedu diskussjonijiet aktar dettaljati fil-futur:

Il-Kapitolu I / Dispożizzjonijiet ġenerali - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

Diversi termini użati fil-proposta ġew definiti b'mod differenti minn leġislazzjoni relatata oħra tal-UE, bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali jew ir-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online. Għalhekk jeħtieġ li jiġu armonizzati xi wħud minn dawn id-definizzjonijiet biex jiġu żgurati l-koerenza u ċ-ċertezza legali bejn l-atti leġislattivi individwali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ċċarat li l-proposta taġixxi bħala *lex specialis* għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Barra minn hekk, jista' jkun hemm bżonn jiġu definiti xi termini oħra biex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet proposti.

Saret diskussjoni importanti dwar id-definizzjoni ta' "utenti tfal", terminu marbut marreat kriminali tal-grooming skont id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija. Peress li d-direttiva qed tiġi riveduta mill-Kummissjoni, meta fir-regolament propost tingħata d-definizzjoni ta' "utenti tfal", ser ikollu jiġi meqjus kif l-età tal-kunsens sesswali tkun ġiet definita fid-direttiva.

Bidla importanti oħra f'dan l-ewwel kapitolu kienet l-inklużjoni ta' definizzjoni ta' "magni tat-tiftix online" wara ż-żieda tal-obbligi ta' tneħħija mil-lista skont il-Kapitolu II.

Kapitolu II / Obbligi tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni sabiex jipprevjenu u jiġġieldu s-CSA online

Meta jinħarġu tipi individwali ta' ordnijiet lill-fornituri ta' servizzi online, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bir-reqqa l-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal u l-privatezza u drittijiet fundamentali oħra tal-utenti ta' servizzi online. Bl-istess mod, ma għandhiex tintesa l-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Il-Presidenza pproponiet li tiġi ssimplifikata l-arkitettura tat-test, sabiex l-ordnijiet ta' detezzjoni biss jinħarġu minn awtorità ġudizzjarja jew awtorità amministrattiva indipendenti oħra, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li joħroġu ordnijiet ta' tneħħija, ta' imblukkar u ta' tneħħija mil-lista.

L-Istati Membri b'mod ġenerali laqgħu din il-bidla fil-ħruġ ta' ordnijiet ta' tneħħija u ta' mblukkar u ż-żieda ta' ordnijiet ta' tneħħija mil-lista. Madankollu, huma meħtieġa aktar diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar dawk il-kwistjonijiet peress li diversi Stati Membri għad għandhom tħassib importanti dwar l-impatt fuq il-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza u fuq drittijiet fundamentali oħra. Il-kumplessità u t-tul tal-proċedura għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni ġew ukoll enfasizzati minn diversi Stati Membri.

Fil-laqgħa tal-LEWP tad-19 ta' Ottubru, is-Servizz Legali tal-Kunsill indika li ser joħroġ opinjoni bil-miktub dwar il-proporzjonalità tal-ordnijiet ta' detezzjoni.

Kapitolu III / Is-Superviżjoni, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni - Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għal kwistjonijiet ta' CSA

Il-Presidenza ppreżentat żewġ settijiet ta' testi ta' kompromess dwar dan il-Kapitolu li kienu ffukati fuq ir-rekwiżiti ta' indipendenza li għandhom jikkonformaw magħhom l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni. Diversi Stati Membri kellhom riżerva ta' skrutinju dwar dan il-Kapitolu minħabba l-impatt importanti li dawk id-dispożizzjonijiet jista' jkollhom fuq strutturi nazzjonali eżistenti. Huma rrikonoxxew li t-testi ta' kompromess kienu sejrin fid-direzzjoni t-tajba peress li jipprovdu aktar flessibbiltà lill-Istati Membri.

L-Istati Membri sabuha partikolarment diffiċli li jfasslu soluzzjonijiet effiċjenti għall-istabbiliment ta' Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u din il-proposta kollha f'daqqa filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti previsti f'dawn il-bieċiet ta' leġiżlazzjoni.

Il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni u s-sottomissjoni ta' CSA online mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni liċ-Ċentru tal-UE wara valutazzjoni diliġenti mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew minn awtoritajiet indipendenti oħra ġiet diskussa b'mod estensiv peress li diversi Stati Membri indikaw ir-riskju ta' dewmien u ta' nuqqas ta' riżorsi u għarfien espert.

Kapitolu IV / Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-kooperazzjoni mal-Europol

Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni pproponiet li tiġi stabbilita aġenzija ġdida tal-UE, li għandha tkun tinsab f'The Hague, minħabba l-bżonn ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol. Iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol jistgħu jikkondividu xi wħud mill-ispejjeż amministrattivi bħar-riżorsi umani, il-kontabbiltà u t-tagħmir tal-IT. Skont il-proposta kif ippreżentata mill-Kummissjoni, il-kompiti u l-kompetenzi ewlenin tal-Europol fir-rigward tas-CSA ma jiġux affettwati.

Iddaħħlu riżervi ta' skrutinju ġenerali fir-rigward tal-Kapitolu kollu; iddaħħlu riżervi ta' skrutinju parzjali fir-rigward tal-post tas-sede taċ-Ċentru tal-UE. Il-kwistjonijiet u l-mistoqsijiet li tqajmu l-aktar ta' spiss mill-Istati Membri fil-Kapitolu IV kienu jikkonċernaw il-baġit, ir-riskju ta' duplikazzjoni mal-kompiti tal-Europol, ir-riskju ta' kompetizzjoni bejn l-Europol u ċ-Ċentru tal-UE għall-persunal espert li jittratta s-CSA, in-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rwol tal-hotlines fit-trattament ta' rapporti ta' CSA, kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data dwar l-ipproċessar ta' rapporti ta' CSA miċ-Ċentru tal-UE, il-proċess ta' rapportar miċ-Ċentru tal-UE ta' CSA online lill-Europol u lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ħolqien ta' bażi ta' data ta' rapporti miċ-Ċentru tal-UE, kif ukoll il-ħolqien ta' bażijiet ta' data ta' indikaturi ta' CSA online.

Kapitolu V / Ġbir tad-data u rapportar tat-trasparenza

Id-delegazzjonijiet kellhom dubji serji dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir u r-rapportar tad-data għax rawhom wisq ikkumplikati għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Huma indikaw il-fatt li ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet dwar jekk iċ-Ċentru tal-UE kellux jirċievi data dwar proċedimenti kriminali li jkunu għaddejjin. L-Istati Membri indikaw il-ħtieġa li tiġi protetta d-data personali u li tiġi limitata l-informazzjoni li għandha tinġabar u tiġi kondiviża.

Kapitolu VI / Dispożizzjonijiet finali

Diversi delegazzjonijiet talbu għal data ta' applikazzjoni aktar tard u biex ir-Regolament Interim (UE) 2021/1232 jitħassar fi stadju aktar tard biex tiġi evitata lakuna bejn id-detezzjoni bbażata fuq ir-Regolament Interim u dik ibbażata fuq ir-Regolament propost. Idealment, għal xi żmien iż-żewġ regolamenti għandhom jibqgħu fis-seħħ simultanjament biex tiġi evitata tali lakuna.

III. KONKLUŻJONI

13. Il-Presidenza hija kommissa li taħdem mill-qrib mal-Presidenza li jmiss sabiex tiffaċilita l-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet fil-LEWP u biex jiġi żgurat il-progress bla xkiel dwar il-fajl fil-Kunsill.
14. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-analiżi tar-Regolament propost.